# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum il-25 ta' Frar 2020**

Appell numru 276 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Brian BUTTIGIEG u Joanne CUTAJAR**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-14 ta' Ġunju 2017 fil-konfront ta' Brian BUTTIGIEG, KI 312274M u Joanne CUTAJAR, KI 472383M, fejn ġew mixlija talli fix-xahar t'Ottubru 2012 u fis-snin ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiskru l-isetss dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda (in suċċint) għamlu reat ta' *money laundering* ai termini tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

Brian Buttigieg waħdu ġie mixli wkoll bir-reat ta' :

(a) approprijazzjoni indebita;

(b) truffa;

(c) frodi innominata;

(d) serq kwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-ħin;

Il-Qorti ġiet mitluba biex tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u skont kif kontemplat fl-artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; li tordna l-konfiska tal-oġġetti kollha eżebiti; u li tordna l-ħlas tal-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħarta tal-esperti jew periti.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, dik il-Qorti iddeċidiet illi wara li rat l-artikolu 3 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u fir-rigward ta' Brian BUTTIGIEG anke l-artikoli 17, 18, 23, 31, 293, 294, u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil BUTTIGIEG u lil CUTAJAR ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom, u ikkundannat lil Brian BUTTIGIEG għal erba' snin priġunerija u multa ta' tletin elf euro (€30,000) filwaqt li kkundannat lil Joanne CUTAJAR għal sentejn priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal erba' snin kif ukoll għal multa ta' għoxrin elf euro (€20,000). Il-Qorti tal-Maġistrati ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes involuti f'dan il-każ kif ukoll il-proprjeta mobbli u immobbli tal-imputati kif stipulat fl-artikolu 3(5) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Inoltre kkundannat ukoll lill-ħatja sabiex iħalsu s-somma ta' disa' u ħamsin elf, tminn mija sitta

u disgħin euro (€59,896) fi żmien tliet snin lill-parti leża, b'dan li fil-każ li tali ammont jew parti minnu ma jitħallasx kif ordnat, dan għandu jiġi konvertit fi priġunerija fit-termini tal-Liġi. Finalment ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali dik il-Qorti ordnat lill-ħatja jħalsu bejniethom lir-Reġistratur is-somma ta' elfejn seba' mija ħamsa u għoxrin euro, tmenin ċenteżmu (€2,725.80), rappreżentanti l-ispejjeż inkorsi in konnessjoni mal-ħatra tal-esperti liema ħlas kellu jsir fi żmien sentejn.

3. Permezz ta' rikors datat 20 ta' Ġunju 2017, BUTTIGIEG u CUTAJAR appellaw minn din is-sentenza fejn talbu li din tiġi mħasra u revokata u b'hekk tilliberahom minn kull ħtija u piena u f'każ li tikkonferma s-sentenza appellata u tinstab ħtija, tvarja l-piena billi tissostitwiha b'piena aktar ekwa u ġusta. Dan għar-raġunijiet li jistgħu jiġu sintetizzati hekk :

   (a) Ir-relazzjoni tal-espert tekniku Raphael sive Ralph Asciak kellha tiġi sfilzata peress li s-seduti saru fl-assenza tal-imputati jew il-legali tagħhom, huwa semgħa xhieda mingħajr ġurament u ddeċieda li ma joqgħodx fuq li ntqal fil-proċess.
   (b) Ir-rekwiżiti tar-reat ta' *money laundering* ma ġewx soddisfaċentement ippruvati;
   (c) Ma ġietx soddisfaċentement ippruvata l-konsapevolezza tal-imputata appellanta Joanne CUTAJAR għall-fini tar-reat ta' *money laundering*;
   (d) Illi l-Qorti tal-Maġistrati għalkemm iddikjarat li kienet qed tastjeni mit-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni, fid-deċide

tagħha dik il-Qorti sabet lill-appellant BUTTIGIEG ħati wkoll ta' dawn l-imputazzjonijiet;

(e) Il-piena kienet eżaġerata tenut kont tal-fatti ta' dan il-każ;

(f) Il-Qorti tal-Maġistrati kienet żbaljata meta ordnat il-konfiska tal-flejjes involuti f'dan il-każ kif ukoll tal-proprjeta kollha mobbli u immobbli tal-appellanti.

***Ikkunsidrat : -***

4. Il-Qorti sejra l-ewwel nett tittratta s-sitt aggravju, intitolat *Ħtija wara astensjoni* minħabba n-natura preliminari tiegħu. Huwa minnu dak li tenna l-appellant BUTTIGIEG li fil-konsiderandi taġħha, il-Qorti tal-Maġistrati ddeċidiet li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet numri tlieta, erbgħa u ħamsa wara li rriteniet li dawn l-imputazzjonijiet kienu alternattivi għat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu. Huwa minnu wkoll li fid-deċide taġħha dik il-Qorti sabet lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra taġħhom.

5. Biss mill-mod ta' kif dik il-Qorti kitbet is-sentenza taġħha, din il-Qorti ma tqisx li dik il-lokuzzjoni kienet timporta n-nullita tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, għalkemm verament l-esposizzjoni u l-kollokazzjoni ta' din id-dikjarazzjoni setgħet kienet imqegħda aħjar fis-sentenza.

6. Qabel xejn din kienet sentenza twila u dettaljata. Dik id-dikjarazzjoni saret mill-Qorti fl-aħħar parti tas-sentenza tagħha, u fl-eqqel parti tal-motivazzjonijiet dettaljati tagħha li fuqhom kienet qegħda ssejjes is-sejbien ta' ħtija, erba' paragrafi qabel id-deċide formali. Din id-dikjarazzjoni t'astensjoni trid għalhekk tiġi moqrija fid-dawl ta' dak li wieħed isib fil-paragrafu tad-deċide ftit aktar l-isfel. F'dan il-paragrafu dik il-Qorti iddikjarat lill-imputati ħatja tal-akkużi kif miġjuba kontra tagħhom; biss hija ċċitat biss l-artikoli 3 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u, fir-rigward ta' Brian BUTTIGIEG, iċċitat biss l-artikoli 17, 18, 23, 31, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali. F'dan il-paragrafu deċiżiv, hija omettiet kompletament li ssemmi l-artikoli l-oħra tal-Liġi relattivi għar-reati li ftit qabel kienet iddikjarat li astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom.

7. Huwa veru li skont kif intqal mill-Qorti Kriminali fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Piju Gafa'*** deċiż fit-18 t'April 1959 meta jkun hemm imputazzjonijiet alternattivi u l-Qorti tiddikjara lill-imputat ħati, mingħajr ma tgħid pero għall-liema imputazzjonijiet huwa jkun qed jiġi dikjarat ħati, jiġi għalhekk li l-Qorti ma tkunx qalet ta' liema reat huwa jkun ġie misjub ħati – bil-konsegwenza li din il-vjolazzjoni ġġib in-nullita tas-sentenza. Biss f'dak il-każ il-Qorti tal-Maġistrati ma għamlitx l-istess eżerċizzju bħal ma sar f'dan il-każ. F'dan il-każ, **qabel** ma ddikjarat lill-imputat ħati il-Qorti spjegat fir-rigward ta' liema imputazzjonijiet kienet qegħda ssib li kienu imputati b'mod alternattiv. Konsegwentement is-sejbien ta' ħtija fil-każ in disamina ma jistax

jingħad li kien indistingwibbli in kwantu din id-distinzjoni kienet saret mill-istess Qorti ftit mumenti qabel fl-istess sentenza.

8. Apparti minn hekk skont sentenza oħra tal-Imħallef William Harding mogħtija nhar is-27 t'Ottubru 1962 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Wiġi Azzopardi,*** f'ċerti :

> kontinġenzi d-dispositiv tas-sentenza jkun talment inxiddibilment marbut mal-motivazzjoni li jekk b'xi mod ikun dubbjuż għandu jieħu sens minnha... u kwindi hu loġiku, di fronti għat-termini ċari tal-paragrafu immedjatament preċedenti għad-dispożittiv, li dan, fid-dubju, jiġi interpretat skont il-motivazzjoni, anke għat-tenur tal-massima "in poenalibus benignius interpretandum est".

9. Din il-Qorti għalhekk tqis li dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.

***Ikkunsidrat : -***

10. Illi kwantu għall-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravji, il-Qorti tqis li l-appellanti għandhom raġun. Jirriżulta ċar mill-atti li l-perit tekniku ma mexiex mat-termini tad-digriet u mad-disposizzjonijiet tal-Liġi meta huwa semgħa xiehda tal-parte civile mingħajr ġurament u fl-assenza tal-imputati. Għalkemm huwa minnu li l-essenza tal-eżerċizzju peritali tiegħu kellu jkun *accounting exercise,* u għalkemm din il-Qorti ma għandhiex dubju li fit-twettieq ta' dik il-parti tal-mansjoni professjonali tiegħu huwa aġixxa b'mod ineċċepibbli, l-istess perit, minħabba nuqqas t'għarfien tal-proċedura penali, u minħabba l-fatt li ma kellu ebda gwida legali, għamel żbalji tekniċi li ma jirrendux ir-relazzjoni tiegħu, meqjusa fit-totalita tagħha, sikura għall-fini ta' dawn il-proċeduri penali. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx legalment u

raġonevolment tistrieh fuq ir-relazzjoni tal-espert tekniku meta ġiet biex tiddelibera s-sentenza tagħha f'dan il-każ.

***Ikkunsidrat : -***

11. Fir-raba' u l-ħames aggravji l-appellanti jtennu li f'dan il-każ ir-"rekwiżiti" meħtieġa għar-reat ta' *money laundering* ma kienux jirriżultaw, kif ukoll li ma ġietx pruvata l-*mens rea* da parti tal-appellanta Joanne CUTAJAR biex jitqies integrat ir-reat ta' *money laundering*. Fid-dawl ta' dak li ġie trattat verbalment quddiem din il-Qorti, huwa meħtieġ li jiġu riportati verbatim dawn iż-żewġt aggravji u l-argumenti fattwali u legali magħmula biex jiġu spjegati dawn l-aggravji :

> **Ir-Raba 'Aggravju - Rekwiziti ta' *Money Laundering***
>
> 18. Illi r-raba' aggravju ta' l-esponenti huwa li r-rekwiziti mehtiega sabiex tinstab htija tar-reat ta' *money laundering* ma rrizultawx.
>
> 19. Illi preliminarjament issir riferenza ghall-gurisprudenza - kwotata mill-Ewwel Qorti stess - rigward in-natura ta' money laundering. Il-gurisprudenza, kemm lokali kif ukoll dik internazzjonali (punt rilevanti hafna in vista tan-natura internazzjonali li tipikament jinkwadra ruhu fiha r-reat ta' *money laundering*) hi li l-process ta' *money laundering* huwa maqsum fi tiett fazi separati: *placement, layering u intergration*.
>
> 20. Illi fis-succint, *placement* jirreferi ghall-fazi inizjali meta flus huma introdotti fis-sistema finanzjarja. *Layering* huwa l-process li permezz tieghu, l-istess flus huma mhaddma fis-sistema finanzjarja sabiex l-origini llecita ta' l-istess flus hi oskurata. L-istadju finali, *integration*, huwa l-istadju fejn il-hasil ikun komplut u cioe, meta l-fondi lleciti jew l-gid generat minnhom jkunu jistghu jingabru.
>
> 21. Illi fil-kaz odjern dan il-process qatt ma wasal sa l-istadju finali tieghu. Fl-aghar ipotezi, l-aktar li jista' jinghad hu li flus illegalment akkwistati kienu tqeghdu fis-sistema finanzjarja billi gew depozitati f'kontijiet

bankarji[1]. F'ebda stadju ma ntewera mill-Prosekuzzjoni li kien hemm xi attentat li dawn il-flejjes jghaddu minn process sabiex jidhru 'nodfa', wisq anqas ma ntwera li t-tielet stadju tal-process ma kien komplut. Di piu, matuI dawn il-proceduri, ghalkemm kien hemm nuqqas ta' qbil fuq l-ammont illegalment akkwistat, qatt ma ntwera b'mod konkret li l-flejjes ikkontribwew b'mod konvincenti fl-akkwist ta' assi. L-ahjar ezempju ta' dan huwa fir-rigward tas-self tad-dar fejn, minkejja t-trapass ta' numru ta' snin, ammont zghir hafna mit-total effettivament thallas. Apparti minn hekk, ma ntwera ebda akkwist ta' assi ohrajn li juru li kien hemm attentat ta' *money laundering*.

22. Illi jinghad dan kollu ghaliex jekk il-process ta' *money laundering* jigi ristrett biss ghall-ewwel stadju, u cioe li flejjes illeciti jitpoggew fis-sistema finanzjarja, din l-interpretazzjoni inevitabbilment ser twassal ghal sitwazzjoni fejn kwazi kull reat finanzjarju *ipso facto* ikun akkumpanjat mir-reat ta' *money laundering*. B 'hekk - u sabiex jigi illustrat dan il-punt - persuna li tikkommetti serq semplici ta' flus tkun qed tikkommetti *money laundering* jekk tuza' l-istess flus illeciti biex tixtri xi haga, rrispettivament mill-valur tal-oggett mixtri.

-------------------------------

1.Dan ukoll juri li ma kien ebda *mens rea* ta' *money laundering*. Min hu dak li biex jahsel flus mahmugin jiddepozithom f'kont bankarju f'bank lokali fejn jinqabad zgur?

23. Illi ghalhekk, abbazi ta' dawn ic-cirkostanzi, l-akkuza ta' *money laundering* qatt ma giet ippruvata u dan l-aggravju ghandu jigi milqugh.

**<u>II-Hames Aggravju - Involviment ta' Joanne Cutaiar</u>**

24. Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji suesposti, fir-rigward ta' Joanne Cutajar jigi sottomess li ma ngiebitx prova sufficjenti li kienet konsapevoli ai finijiet tal-Kap 373.

25. Illi l-analizi ta' l-Ewwel Qorti effettivament kien jekk l-esponenti Joanne Cutajar kienet ikkommettiet ir-reat ta' *money laundering* billi kienet taf jew kelliex ikollha suspett li kienet qed tircievi flejjes illeciti.

26. Illi mis-sentenza jidher li l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li Joanne Cutajar kienet konsapevoli abbazi ta' l-istqarrija taghha moghtija lill-Pulizija filwaqt li skartat ix-xhieda moghtija minnha nhar il-25 ta' Lulju 2016.

27. Illi fis-sustanza l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-esponenti kienet taf b'dak li kien ghaddej ftit wara li l-esponenti bdew johorgu flimkien f'Lulju 2010,

specifikament minhabba l-kliem '*Wara xi xhur flimkien ...* ' Madankollu ma jindikax b'mod definittiv meta l-esponenti saret konsapevoli ta' dan kollu.

28. Illi filwaqt li l-Ewwel Qorti strahet fuq din il-parti ta' l-istqarrija ta' Joanne Cutajar, kompletament injorat bicciet ohra ta' l-istqarrija. Kienet kompletament injorata s-sentenza: '*Jien Brian gieli staqsieni biex juza l-cash li kont inkun fuqu jiena u jiena kont inhallih pero ma kontx naf li qieghed igerfex mil-cash tieghi.*' Apparti minn hekk, l-Ewwel Qorti kompletament injorat id-diskors frank li sussegwentement intqaI:
Mistoqsija: Nghidlek sew illi int u Brian kontu miftehmin sabiex tiehdu dawn il-flus bejnietkom?
Twegiba: Le ma konnhiex miftehmin hekk. Jiena kieku kont parti mill-ftehim kont niehu jiena wkoll.

29. Illi minghajr ebda tlaqliq l-esponenti qalet li kieku verament kienet taf bil-metodu ta' Brian meta kienet tahdem mieghu kienet taghmel bhalu.

30. Illi l-esponenti tissottometti wkoll li l-Ewwel Qorti ma apprezzatx il-fatt li huwa naturali li persuna li qatt ma tkun xellfet idejha mal-gustizzja ser thossha nervuza meta tittiehed ghall-ewwel stqarrija taghha. Konsegwentement, huwa normali hafna li f'cirkostanzi bhal dawn persuna tinsa fatti partikolari.

31. Illi ghalhekk hemm dubji serji u ragjonevoli dwar il-konsapevolezza ta' l-esponenti Joanne Cutajar f'dak kollu li kien qed jigri u ghalhekk m'ghandiex tinstab hatja ta' l-akkuza dedotta kontriha.

12. Illi pero matul it-trattazzjoni ta' dawn l-aggravji, Dr. Azzopardi żied raġunijiet legali oħra - li huwa donnu qieshom li kienu jaqgħu taħt dan l-aggravju - li in bażi tagħhom l-appellanti ma kellhomx jinstabu ħatja jiġifieri li :-

(a) l-Qorti tal-Maġistrati użat ix-xiehda ta' ko-imputat kontra ko-imputat ieħor u straħet fuqha;
(b) l-Qorti tal-Maġistrati straħet fuq stqarrijiet mogħtija lill-Pulizija li ma kienux meħuda bl-assistenza u fil-preżenza ta' avukat;
(c) l-Qorti tal-Maġistrati straħet fuq id-dikjarazzjoni extra-ġudizzjarja mogħtija mill-appellant Brian BUTTIGIEG lil parte civile, *ex employer* tiegħu, u din l-istqarrija ma setgħetx tiġi użata

fi proċeduri kriminali li ġew istitwiti kontra tiegħu. L-Avukat Azzopardi tenna li dan kien imur kontra d-drittijiet tal-bniedem skont sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali Maltija kif ukoll il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' Strasbourg. Huwa għadda biex semma wkoll xi każijiet li ġew deċiżi minn dawn il-Qrati in sostenn għal dan l-argument legali.

13. Illi qabel xejn din il-Qorti jidhrilha li dawn huma punti legali li jmorru lil hinn mill-aggravji li ġew proposti fir-rikors tal-appell. Dawn huma raġunijiet ta' natura legali – aggravji fihom infushom - u li suppost kellhom ikunu inklużi fir-rikors tal-appell. Ir-raba' u l-ħames aggravji kienu aggravji speċifiċi u t'indoli speċifiku. Ma kienux aggravji t'indoli ġenerali li wieħed setgħa jifhem, b'xi mod, li setgħu ikunu devoluttivi ta' aggravji oħra li setgħu ma kienux ġew speċifikati fir-rikors tal-appell u li jkunu tqajmu fil-kors tat-trattazzjoni orali. In kwantu dawn huma aggravji speċifiċi kellhom ikunu inklużi fir-rikors tal-appell biex jiġu kunsidrati minn din il-Qorti. Kif deċiż minn din il-Qorti kolleġjalment komposta fl-appell ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mark Pace*** tas-7 ta' Novembru 2002 :

> Qabel xejn din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax dwar il-hames paragrafu ta' l-aggravji li permezz tieghu l-appellant ippretenda li seta' jittratta aggravji ohra li ma semmiex fir-rikors ta' l-appell. Hija gurisprudenza ormai pacifika li l-Qorti ta' l-Appell ma tistax tiehu konjizzjoni ta' ragunijiet ta' l-appell, ossia aggravji, li ma jkunux gew imsemmija fir-rikors ta' appell. Dan johrog car minn dak li jipprovdi s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 505 tal-Kodici Kriminali li tali rikors "ghandu jkun fih il-fatti tal-kawza fil-qosor imma cari, ir-raguni ta' l-appell (enfazi tal-Qorti) u t-talba tal-appellant.

14. Għalkemm l-artikolu 505 tal-Kodiċi Kriminali japplika għal appelli redatti għal quddiem din il-Qorti kolleġjalment komposta, l-

artikolu 419 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi li r-rikors t'appell quddiem din il-Qorti, barra mill-indikazzjoni komuni għall-atti ġudizzjarji, għandu jkun fih, (a) il-fatti fil-qosor; (b) ir-raġunijiet tal-appell; (ċ) it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri. B'hekk dak deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-appell ***Mark Pace***, għandu wkoll isib applikazzjoni f'appelli quddiem din il-Qorti in kwantu r-rekwiżiti bażiċi meħtieġa għal validita ta' rikors ta' l-appell huma identiċi. Din il-posizzjoni jirriżulta li ġiet imħadna wkoll minn din il-Qorti diversament presjeduta f'appelli kriminali oħra bħal ***Il-Pulizija vs. Charles Bugeja*** deċiża nhar il-15 ta' Mejju 2008 u aktar riċenti ***Il-Pulizija vs. Christopher Abela*** deċiża nhar l-24 ta' Ġunju 2019.

15. B'hekk din il-Qorti hija prekluża milli tqis dawn ir-raġunijiet legali ulterjuri, ossija l-aggravji ġodda, li ġew imqajmin matul il-kors tat-trattazzjoni ta' dan l-appell. Biss anke kieku din il-Qorti kellha tieħu in konsiderazzjoni dawn ir-raġunijiet legali, u *gratia argomenti*, tagħrbel il-provi mill-lenti proposta mid-Difiża bis-saħħa ta' dawn ir-raġunijiet legali, xorta waħda din il-Qorti rat li l-Qorti tal-Maġistrati kellha evidenza biżżejjed biex legalment u raġonevolment setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom.

16. Din il-Qorti taqbel mad-Difiża li l-ġurisprudenza Maltija ħadet il-linja li persuna li tkun akkużata kemm bħala kompliċi kif ukoll bħala ko-awtur bl-istess reat li jkun ġie miġjub kontra akkużat ieħor ma tistax tinġieb bħala xhud favur jew kontra dak l-akużat l-ieħor

sakemm il-każ tiegħu ma jkunx ġie deċiż b'mod definittiv – u dan kemm jekk dik il-persuna tkun ġiet akkużata fl-istess proċeduri tal-akkużat l-ieħor kemm jekk tkun akkużata fi proċeduri separati. Ir-raġuni toħroġ mill-interpretazzjoni *a contrario sensu* tal-artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali. Din id-disposizzjoni :

> non pone alcuna distinzione circa il grado in cui il teste fosse stato imputato, se, cioe`, come autore o coautore del delitto o come complice, essendo solo importante per i fini della ammissibilita` della sua deposizione che egli, non avendo a temere alcuna azione criminale per quanto va a deporre, non abbia l'interesse di scagionarsi e di incriminare altri.[1]

17. F'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex biss l-istqarrijiet tal-appellanti BUTTIGIEG u CUTAJAR. Dik il-Qorti kellha wkoll id-deposizzjonijiet tagħhom rispettivi quddiem l-istess Qorti meta għażlu li jixhdu minn jeddhom. Il-posizzjoni tax-xiehda tagħhom trid tinqara fid-dawl tal-prinċipji regolaturi aktar il-fuq imsemmija. Huma kellhom il-jedd li jixhdu u ħadu l-pedana tax-xiehda minn jeddhom. Dak li huma qalu ried jittieħed in konsiderazzjoni biss relattivament għall-posizzjoni rispettiva tiegħu jew tagħha.

18. Apparti minn hekk, kwantu għal dak li jirrigwardja l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputati appellanti, din il-Qorti rat ukoll li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma tqajmet ebda lanjanza rigward l-istess istqarrijiet. Apparti minn hekk, huwa kemxejn paradossali, jekk mhux ukoll kontradittorju, li waqt it-trattazzjoni orali d-Difiża

---

[1] ***Rex vs. Carmelo Cutajar ed altri***, deċiża mill-Qorti Kriminali nhar it-18 ta' Jannar 1927, Koll. XXVI-iv-758 - 760. Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Zammit et,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri, fil-31 ta' Lulju 1998; kif ukoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia***, digriet tal-Qorti Kriminali tat-22 ta' Diċembru 1998.

qajmet il-kwistjoni tal-ammissibbilta' tal-istess stqarrijiet, kemm fir-rigward ta' Brian BUTTIGIEG kif ukoll fil-konfront ta' Joanne CUTAJAR meta fl-istess rikors tal-appell, u senjatament meta d-Difiża kienet qegħda titratta l-ħames aggravju, kienet hi stess li kwotat mill-istess stqarrija rilaxxjata minn Joanne CUTAJAR, b'mod partikolari fil-punti 28 u 29 tar-rikors tal-appell aktar il-fuq riportati integralment.

19. Illi huwa paċifiku li minbarra l-istqarrija rilaxxjata mill-appellant BUTTIGIEG lid-diriġenza tal-parte civile kif ukoll lill-Pulizija, u minbarra l-istqarrija li l-appellanta Joanne CUTAJAR irrilaxxjat lill-Pulizija, u minbarra x-xiehda tagħhom viva voce quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, dik il-Qorti kellha wkoll il-benefiċċju li tisma' x-xiehda ta' John Bonello Ghio, u li tifli d-dokumenti eżebiti u konfermati minnu; li tisma' lil Antoinette Caruana, lil Nathalie Xuereb Saydon u lil Stephen Campbell; li tisma' lil Dr. Stephen Farrugia Sacco u li tirċievi r-relazzjoni tiegħu; li setgħet tara r-relazzjoni tal-assi ta' Dr. John Seychell Navarro; kif ukoll li tisma' x-xiehda ta' Christina Rodgers, Dakota Cassar, Therese Grech, Lourdes Kitcher, Gayle Grech, Samantha Gauci, Caroline Bezzina, Sera Hussein, Marilisa Darmanin u Liuana Spiteri. Dik il-Qorti kellha għad-disposizzjoni tagħha wkoll ix-xiehda ta' Joseph Caruana għall-Bank of Valletta, li eżebixxa diversi *statements* u dokumenti bankarji interessantissimi tal-appellanti, kif ukoll semgħet ix-xiehda tal-Ispettur investigatriċi Anne Marie Xuereb.

20. Għalkemm fit-trattazzjoni tagħha d-Difiża attakkat l-istqarrija mogħtija minn BUTTIGIEG lid-diriġenza tal-parte civile, jibqa' l-fatt li l-appellant BUTTIGIEG xehed viva voce u pprovda lil Qorti konfessjoni ġudizzjarja meta huwa essenzjalment ammetta li kien qiegħed jikkommetti il-fatti li jikkostitwixxu r-reati li tagħhom ġie misjub ħati. Mistoqsi mill-avukat tiegħu ta' dak iż-żmien fuq dawk l-affarijiet li kien ġie konfrontat bihom minn Bonello Ghio, Caruana u Xuereb Saydon dakinhar tal-14 ta' Settembru 2012, BUTTIGIEG ammetta li kien qiegħed jagħmel l-*irregolarizzazzjonijiet jigifieri kont qieghed nimputtja certu orders u ma kontx qed naghti ricevuta*. Anzi aktar l-isfel jgħid ukoll il-motiv wara li kien qiegħed jagħmel dak li hu jsejħilhom *irregolarizzazzjonijiet :*

> Prattikament jiena u Joanne qbadna nohorgu flimkien nghidlek id-dritt. Konna xtrajna post, kienet ukoll ha jkollna tarbija ukoll kien ha jkolna tarbija. Hassejt naqra pressure ukoll gew l-affarijiet kif gew. Nghidlek id-dritt kont rajt lil xi hadd iehor jaghmilha.

21. A fol 337 jgħid ukoll li lil Joanne CUTAJAR qatt ma kien qalilha x'kien qiegħed jagħmel u ma jagħmilx. Mistoqsi mill-Qorti dwar il-flus li kien jieħu x'kien qiegħed jagħmel bihom, huwa wieġeb li kien jirrowndja ċerta figura u kien jagħtihom lil Joanne CUTAJAR biex din iġġemmaħhomlu għax jgħid li ma kienx daqshekk kapaċi jfaddal. B'hekk kien jgħaddilha flusu. Huwa kien jagħmel dan xi kull xahar u nofs. Jgħid ukoll li għal ħabta t'April 2011 kien biegħ mutur u kien daħħal tmint elef euro (€8000) tiegħu kif ukoll huwa kien jagħmel xi *part time upholstery work* fuq xi sufanijiet mid-dar t'ommu iżda dan ix-xogħol *part time* kien waqfu xi tliet snin qabel ma kien xehed. Jixhed ukoll li l-paga li huwa kien jirċievi mingħand

il-KFC kienet ta' xi elf u mitejn euro fix-xahar u kien jirċeviha fil-kont tiegħu mal-Bank of Valletta. Mistoqsi dwar it-trasferimenti ta' diversi eluf t'euro li kienu jirriżultaw mill-*istatements* bankarji tiegħu, huwa baqa' jinsisti li dawn kien ġejjin mill-bejgħ tal-mutur u mill-*part-time* li kien jagħmel u li minnu kien idaħħal madwar tminn mitt euro (€800). Biss ma ppreżenta ebda dokument jew riċevuta ta' dan il-bejgħ tal-mutur jew tal-*part-time* li kien jagħmel – li stqarr li ma kienx irreġistrat għalih – biex isaħħaħ dak li qal bil-kliem. Kwantu għall-*cash deposits* li l-Prosekuzzjoni saħqet li kienu jammontaw għal wieħed u għoxrin elf euro (€21,000) u li jirriżultaw mill-istatements bankarji ta' Joanne CUTAJAR, huwa jtenni li mhux kollha kienu ġejjin mingħandu.

22. Mill-banda l-oħra John Bonello Ghio ikkonferma li wara li kienet daħlitlu d-denunzja li l-appellant Brian BUTTIGIEG kien qiegħed jirċievi l-flus tal-ikel mixtri mill-klijenti iżda ma kienx qiegħed joħroġ riċevuti, hu u impjegati oħra tal-KFC u l-kumpanija Farsons, fosthom Antoinette Caruana, Nathalie Xuereb Saydon u Stephen Campbell kienu għamlu stħarriġ fejn kemm mis-*CCTV recordings* kif ukoll mid-dokumenti tal-kumpanija u s-sistema tal-*computer* imħadma minnhom raw li l-appellant BUTTIGIEG kien qiegħed jagħmel *error transactions* u *no sales*. Huwa kien qiegħed jinkassa flejjes li jkun irċieva mingħand il-klijenti tal-KFC bħala l-prezz għall-ikel servut lilhom liema flejjes suppost kellhom jiġu mgħoddija lill-kumpanija KFC iżda li minflok huwa kien qiegħed iżomm għalih.

23. Bonello Ghio eżebixxa dokumenti immarkati AMX1, AMX2, AMX3, AMX4 u AMX5. Minn dawn id-dokumenti, kkonferma li AMX1 sa AMX4 huma meħuda mill-kotba tal-kumpanija minn fejn jirriżultaw l-ammonti ta' flus li l-kumpanija kienet qegħda ssib li kienu neqsin. AMX1 kien jirrappreżenta kampjun meħud dwar il-ġurnata tat-2 t'Awissu 2012 li kien jindika l-*error corrects* u *no sales* li l-appellant BUTTIGIEG kien għamel f'dik il-ġurnata partikolari. Id-dokument AMX2 imbagħad kien juri t-totali tal-ammonti li kienu sabu neqsin matul il-perjodu Ġunju 2011 sa' Settembru 2012, fit-total ta' €63,584.09. AMX3 hija CD bil-*footage* relattiv. AMX4 imbagħad kienet tirrappreżenta l-*logs* tal-kumpanija relattivi għall-appellanta Joanne CUTAJAR u li minnhom kienu jirriżultaw l-ammonti ta' *no sales* u *error corrects* magħmula meta hi kienet tkun *logged in* fis-sistema tal-*cash*. AMX 5 hija d-dikjarazzjoni li l-appellant BUTTIGIEG iffirma quddiem Antoinette Caruana, John Bonello Ghio u Nathalie Xuereb Saydon nhar l-14 ta' Settembru 2012.

24. Ix-xiehda ta' dawn ix-xhieda, id-dokumenti eżibiti minnhom, magħquda max-xiehda ta' Brian BUTTIGIEG bl-ammissjoni tiegħu rigward l-*irregolarizzazzjonijiet* li jgħid li għamel, kif ukoll dokumenti bankarji eżebiti kienu suffiċjenti sabiex fuqhom il-Qorti tal-Maġistrati, ssib ħtija fl-imsemmi BUTTIGIEG għar-reati kontestati lilu – u b'mod partikolari meta wieħed iqis il-konsiderazzjonijiet li ġejjin anke fir-rigward tal-użu tad-depożiti li hu u Joanne CUTAJAR kienu jagħmlu fil-kontijiet bankarji tagħhom, bosta drabi b'sinkronizzazzjoni li tmur lil hinn mis-

sempliċi kumbinazzjoni jew probabbilita, iżda li minnha nnifisha hija evidenza ċirkostanzjali b'saħħitha ħafna li turi l-għarfien u l-għaqda tal-intenti ta' din il-koppja.

25. Mix-xiehda ta' Antoinette Caruana, John Bonello Ghio u Nathalie Xuereb Saydon nonche mid-dokument AMX4 eżebit bil-ġurament minn John Bonello Ghio, jirriżulta wkoll li fuq isem l-appellanta Joanne CUTAJAR kien hemm ukoll numru ta' *error corrections* u *no sales* li kien għoli ħafna meta mqabbel ma *error corrections* u *no sales* kommessi minn impjegati oħra. L-ammont li kien jinvolvi lil CUTAJAR kien ta' tnax il-elf sitt mija disgħa u għoxrin euro (€12,629) għal perjodu li kien ivarja bejn it-23 ta' Ġunju sad-19 ta' Mejju tas-sena ta' wara.

26. Kif osservat tajjeb il-Qorti tal-Maġistrati, l-appellanta CUTAJAR ġiet mixlija biss bir-reat tar-riċiklaġġ, u b'ebda reat ieħor. Fix-xiehda tagħha CUTAJAR tikkonferma wkoll li hija ġieli kienet tħalli l-*cash logged in* fuqha sakemm kienet tmur tagħmel xi xogħol ieħor u l-appellant BUTTIGIEG kien ukoll juża l-*cash* tagħha fl-assenza tagħha. Iżda ġie senjalat ukoll mid-diriġenza tas-soċjeta KFC li CUTAJAR kienet qed ikollha l-istess *modus operandi* li ammetta għalih l-appellant Brian BUTTIGIEG. Din hija evidenza importanti ħafna f'dan il-każ għaliex turi li filwaqt li CUTAJAR kienet tħalli lil BUTTIGIEG juża l-*cash* tagħha, jekk verament ma kienetx taf x'kien qiegħed jagħmel BUTTIGIEG, żgur ikun ifisser li BUTTIGIEG abbuża mill-fiduċja li hija kienet qegħda ttih. Biss Bonello Ghio fil-

fatt itenni li kienu għamlu l-investigazzjoni interna tagħhom dwar l-appellant BUTTIGIEG :

> Ghamilna pero investigazzjoni fuq KFC Gzira in partikolari detaljata hafna pero hi kienet nassigurak li kienet lezzjoni kbira hafna u dhalna f'hafna dettall fuq ir-restaurants kollha kem fuq Gzira kif ukoll fuq ir-restaurants l-ohrajn, fuq Gzira morna b'lura u b'hekk irrizultalna li kien hemm Joanne Cutajar li wkoll kienet tuza din l-iskema, jigifieri meta tkellimna ma Brian dakinhar ma hargitx ta' Joanne... pero mill-investigazzjoni biex inwiegbek iva actually sibna kaz iehor li kien ta' Joanne Cutajar l'bqija ma sibna assolutament xejn u nassigurak li kieku sibna affarijiet hekk konna niehdu l-istess steps.

27.Illi jekk dan ix-xhud kien ritenibbli kredibbli mill-Qorti tal-Maġistrati, ix-xiehda tiegħu waħeda setgħet tkun suffiċjenti għaliha sabiex tkun tista' ssawwar ħtija f'CUTAJAR. Għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat.[2]

28.Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom

---

[2] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

29. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[3]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

30. F'dan il-każ l-evidenza ċirkostanzjali hija wkoll ta' importanza kbira u li waslet lil Qorti tal-Maġistrati sabiex tiddeċiedi bil-mod kif għamlet. Kif jgħid l-**Archbold** fil-ktieb tiegħu *Criminal Practice* (1997 edition para 10-3) b'referenza għal dak li qal Lord Normand fil-każ ***Teper v R*** (1952) :

> Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury are permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference.

---

[3] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

31. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubbblika ta' Malta vs George Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[4]

32. In oltre u aktar reċentement fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer,*** il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

> Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[5]

---

[4] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.
[5] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

33. Kwindi huwa essenzjali li l-provi indizzjarji jkunu b'saħħithom biżżejjed kif ukoll li jkunu jippuntaw f'direzzjoni waħda u ċioe' lejn il-ħtija tal-imputat u ħadd iktar floku. Jekk mill-banda l-oħra l-provi indizzjarji ma jkunux univoċi, ma jkunux jistgħu jagħmlu prova in sostenn tal-ħtija tal-imputat. F'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati kellha quddiemha kemm provi diretti kif ukoll provi indiretti b'saħħithom biżżejjed biex fuqhom setgħet issawwar ħtija fl-imputati appellanti anke jekk ma ssirx riferenza għall-istqarrijiet tagħhom u anke meta jitqiesu d-deposizzjonijiet tagħhom individwalment mingħajr applikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-ko-imputat l-ieħor.

***Ikkunsidrat : -***

34. Kif intqal aktar il-fuq ir-raba' u l-ħames aggravji jittrattaw ir-reat tar-riċiklaġġ da parti tal-appellanti u l-ħames aggravju jiffoka aktar fuq in-nuqqas ta' *mens rea* da parti tal-appellanta CUTAJAR. Il-Qorti tal-Maġistrati sabet li kien hemm l-elementi kollha meħtieġa għar-reat ta' riċiklaġġ u dik il-Qorti daħlet fid-dettall biex tispjega l-bażi legali għal dik id-deċiżjoni tagħha. Meta l-appellant BUTTIGIEG kien qiegħed jieħu l-flus bil-modalita inkriminata, huwa kien qiegħed imbagħad juża s-sistema bankarja billi jiddepożitahom fil-kont bankarju tiegħu u fl-istess waqt huwa kien qiegħed ukoll jgħaddi partijiet minn dawn il-flejjes lill-appellant

Joanne CUTAJAR biex din, suppost, *iġġemmgħahomlu* għaliex huwa qal li ma kienx kapaċi jġemma'.

35. Il-Qorti tal-Maġistrati kienet raġonevolment korretta meta kkonkludiet li ma temminx lill-appellanti meta jtennu li BUTTIGIEG ma kienx kapaċi jġemma' minħabba l-fatt li minn eżami dettaljat tal-*istatements* bankarji tiegħu eżebiti u li ġew mgħarbla kemm il-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll minn din il-Qorti, jirriżulta ben ċar li mhux minnu li l-appellant ma kienx jaf iħaddem flusu jew li ma kienx kapaċi jġemma'. Anzi din tirriżulta bħala skuża li aktar titfa' dawl negattiv id-Difiża tal-appellanti.

36. BUTTIGIEG kien juża żewġ kontijiet bankarji *savings*, u jagħmel trasferimenti minn kont għall-ieħor, b'mod ripetut. Huwa kien jagħmel depożiti, segwiti imbagħad *b'withdrawals* regolari f'ammonti li jkunu **<u>fl-istess jew qrib</u>** id-data tad-*deposits*. Kif osservat il-Qorti tal-Maġistrati dan jindika li huwa kien jaf ifaddal u kien jaf kif iħaddem dawn il-flus fis-sistema bankarja. Biss minbarra l-fatt li kien ottjeni flus frott ta' dak li jseħilhom *irregolarizzazzjonijiet*, u li huwa kien iqiegħed dawn il-flejjes fis-sistema bankarja, huwa kien ukoll imbagħad għadda għal fażi oħra u ċjoe jgħaddihom lil Joanne CUTAJAR biex din tiddepożitahom fil-kont tagħha jew li jiddepożitahom fil-kont tagħha. Dan minnu nnifsu huwa wkoll mod kif huwa setgħa jipprova jaħbi l-provenjenza ta' dawn il-flejjes billi dawn jibdew jidhru li huma fuq isem persuna oħra differenti minnu. A fol 334 huwa jispjega wkoll id-destinazzjoni ta' dawn il-flejjes - għalkemm b'mod indirett - meta

jgħid li huwa għamel dawn l-irregolarizzazzjonijiet jiġifieri fi kliem sempliċi u ċar – huwa beda jieħu dawn il-flejjes illegalment għaliex kienu xtraw post u kienu ser ikollhom tarbija u minħabba li ħass din il-pressjoni fuqu rrikorra għal dawn il-mezzi illegali kif jottjeni l-flus. Allaħares kull min ikun ser jixtri post u jkollu tarbija jagħmel hekk!

37. F'dan il-kwadru l-Qorti tal-Maġistrati kellha biżżejjed biex legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant BUTTIGIEG **anke** fir-rigward tar-reat ta' ħasil ta' flus. Kif spjegat mill-Qorti tal-Maġistrati u l-każistika hemmhekk ċitata, it-tifsira tar-reat ta' *money laundering* fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, hija wiesa' ħafna u tipprovdi b'ipoteżi diversi li jsawru r-reat ta' riċiklaġġ, **mingħajr** il-ħtieġa ta' prova kumulattiva tat-tliet jew erba' stadji tal-proċess tar-riċiklaġġ kif deskritt mill-letteratura fuq dan is-suġġett. Kull wieħed mill-ipoteżi imsemmija fil-paragrafi (i) sa (vi) tal-artikolu 2 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta jista' jitqies li jintegra r-reat ta' *money laundering* imsemmi fl-artikolu 3 ta' dak il-Kap 373, dment li jkunu ġew pruvati l-elementi msemmija f'xi wieħed minn dawk il-paragrafi. Dak li għamel l-imputat appellant BUTTIGIEG f'dan il-każ jaqa' taħt it-tifsira ta' *money laundering* kif imsemmi fl-artikoli 2 u 3 hawn fuq imsemmija. L-interpretazzjoni li ingħatat mid-Difiża tirrendi diffiċli ħafna jekk mhux impossibbli li persuna tinstab ħatja ta' dak ir-reat minħabba l-kumplikazzjonijiet fattwali u legali li tali interpretazzjoni timporta. B'hekk il-Qorti tal-Maġistrati kienet legalment u raġonevolment korretta meta sabet il-ħtija fl-appellant BUTTIGIEG.

38. Il-Prosekuzzjoni trattat il-każ ta' Joanne CUTAJAR b'mod differenti in kwantu xlietha biss bir-reat ta' riċiklaġġ. Fil-ħames aggravju d-Difiża ssostni li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-konsapevolezza meħtieġa ta' CUTAJAR ai fini tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

39. Issa l-provi li l-Qorti tal-Maġistrati kellha quddiemha u li jorbtu lil CUTAJAR mar-reat ta' *money laundering* - jekk kellha titwarrab l-istqarrija ta CUTAJAR u x-xiehda ta' BUTTIGIEG – kienu jinkludu x-xiehda ta' Joanne CUTAJAR innifisha, dik ta' John Bonello Ghio, Antoinette Caruana kif ukoll dik tal-Bank of Valletta, bil-bank statements tal-Bank of Valletta eżebiti fl-atti. Dawn il-provi juru li CUTAJAR kienet taħdem mal-appellant, u kienet għamlet żmien kollega tiegħu fuq l-istess post tax-xogħol. Mid-dokument AMX 4 eżebit minn Bonello Ghio jirriżulta li għal diversi drabi meta hija kienet tkun xogħol, ukoll meta kien ikun hemm l-appellant, CUTAJAR kienet tħalli tkun *logged in* fis-sistema u tħalli lill-appellant juża l-*cash* fejn tkun logged in. Biss mill-istħarriġ li sar minn Bonello Ghio rriżulta li l-*modus operandi* ta' dan il-*cash point* kien simili għal dak li wassal lil Brian BUTTIGIEG biex jiġi konfrontat mid-diriġenza tal-KFC. Id-diriġenza tal-KFC ma kienetx intebħet bl-użu tal-cash point użat minn CUTAJAR mill-ewwel hekk kif intebħet bl-egħmil ta' BUTTIGIEG. Kien fil-fatt wara indaġini aktar approfondita li din il-kumpanija rriżultalha li l-istess affarijiet li kienu rriżultawlha li kienu qed iseħħu bl-operat ta' BUTTIGIEG seħħew ukoll meta kienet tkun logged in CUTAJAR,

għalkemm Bonello Ghio u Caruana jixhdu li din kienet tkun fuq skala ferm iżgħar minn dik kommessa u ammessa minn BUTTIGIEG.

40. Din il-Qorti ssibha stramba kif minn dawk id-drabi kollha li kienet tkun *logged in* l-appellanta, bħala impjegata ta' dak l-istabbiliment, qatt ma ntebħet jew kienet taf li kien qiegħed ikun hemm numru għoli ta' *error corrections* jew *no sales*. Sinjifikanti huwa l-fatt li Bonello Ghio jixhed li wara li saret l-ispezzjoni dettaljata tagħhom kienu sabu dik l-inċidenza għolja fuq meta kienet tkun logged in CUTAJAR fi żmien meta din kienet ilha xhur sħaħ li telqet minn dak il-post tax-xogħol minħabba t-tqala tagħha. Bonello Ghio jgħid li minbarra dawk l-anomaliji li sabu fuq BUTTIGIEG u fuq CUTAJAR ma kien hemm assolutament ħadd ieħor li kien irriżulta li adotta l-istess *modus operandi*.

41. Apparti minn hekk, CUTAJAR kienet taħdem fl-istess stabbiliment u mal-istess kumpanija li kien jaħdem magħha l-appellant BUTTIGIEG. Hija kienet bdiet relazzjoni intima miegħu tant li anke kellhom wild flimkien. Kienu ddeċidew li jixtru post flimkien u li jieħdu self minn bank flimkien. Kienu anke jgħixu flimkien taħt l-istess saqaf. Din il-Qorti ssibha diffiċli temmen li hi, kollega u sieħba tiegħu nonche ko-investitriċi fi proprjeta u ko-debitriċi f'self bankarju inġenti f'dan iż-żmien ma kienetx taf sewwasew x'kienet il-paga tiegħu mix-xogħol li kien jagħmel – meta riedu jissottomettu l-karti relattivi lill-bank biex ikun jista' jislifhom il-flus. BUTTIGIEG jgħid li huwa kien jaqbad madwar elf u mitejn euro fix-xahar. Iżda

d-depożiti li kien jagħmel fil-kont tiegħu u fil-kont tagħha kienu ferm u ferm jiżbqu dak li huwa setgħa legalment jgħid li kien daħħal bis-sew.

42. Meta xehdet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati l-appellanta ċaħdet li hija kienet taf mnejn kien qiegħed iġib il-flus l-appellant. Biss anke hawnhekk, il-Qorti ssibha ferm diffiċli temmen din l-iskuża konvenjenti. CUTAJAR tixhed li l-appellant kien jgħaddilha xi flus, kemm *cash* kif ukoll kien jiddepożitahom fil-kont tagħha fil-Bank. Huwa kredibbli li hija ma kienetx tkun taf kemm u meta kien jiddepożita tali flejjes? Biss dawn id-depożiti tal-appellant BUTTIGIEG fil-kont tagħha juri biċ-ċar li kien hemm intimita anke fir-rigward ta' dak li għandhom x'jaqsmu l-finanzi bejniethom. Hi tgħid li kienet taċċetta li tirċievi flus mingħand l-appellant mingħajr ma tistaqsi minn fejn dawk il-flejjes kienu ġejjin. Tgħid li kien jgħidilha li riedha ġġemmagħhomlu għax kienu bi ħsiebhom li jixtru post biex ikollhom il-flus għal-*loan* u għad-*deposit*. Huwa kien ġieli jagħmillha *trasfer* mill-kont tiegħu għall-kont tagħha. U ma tistaqsix minn fejn kien qiegħed iġib dawk il-flejjes? U ma tafx kemm kien jaqbad? U ma tafx kemm kienu ddikjaraw lil bank li kienu jaqbdu biex ikun jista' jagħtihom il-*loan*?

43. Tgħid li huwa kien qalilha li kien biegħ mutur u li kien qallu li kellu jtih elf euro fix-xahar. Pero l-anqas ma jidher li staqsiet kemm kien jiswa' dan il-mutur. Kienet taf ukoll li kien jagħmel xi *part timer* id-dar tiegħu stess jagħmel xi sufanijiet u hekk. Iżda anke hawn, dettalji xejn.

44. Hija tgħid li ma kienetx taf li BUTTIGIEG kien qiegħed jieħu flejjes mill-*cash register* **<u>qabel</u>** ma inqala' l-inċident tal-14 ta' Settembru 2012 meta kien tkeċċa mix-xogħol. Biss f'dik id-data huma kienu diġa daħlu jgħixu flimkien. Il-post kienu diġa xtrawh flimkien u s-self kienu diġa ħaduh flimkien ukoll.

45. Hija tikkonferma li kienet tħalli lil BUTTIGIEG juża l-*cash register* tagħha meta kienu jinqabdu bin-nies fuq wara u hija kienet tħobb tkun fuq il-*preparation*. Il-*cash* kienet tħallih miftuh normali għal li jista' jkun. Dan kien ikun miftuh u jkun jista' jużah kulħadd. Hi tgħid li ma kienx ikollha aċċess għal *error corrections* u kien jiġi l-*manager* bil-*card* tiegħu jħasrilhom it-transazzjonijiet. Biss dan allura jwassal għall-mistoqsija dwar kif seħħew dawk l-*error corrections* u *no sales* numerużi fuq is-sistema tagħha wkoll u li xehed dwarhom Bonello Ghio. Kollha saru mingħajr ma hi qatt intebħet dwarhom?

46. Tixhed ukoll li hi flimkien ma dak li kien żewġha, ċertu Volkan Sinop, kellhom ħanut flimkien li kien jismu 247, San Pawl il-Baħar. Tgħid li kienu willew dan il-ħanut u kienet ħadet xi ħmistax il-elf Lira Maltija. Peress li kienet qed tinfired minn ma dan Sinop, hi bdiet tibża li se jieħdilha dawn il-flejjes u żammithom id-dar. Għamlet ħabta imsiefra barra minn Malta u kienet qegħda tuża minn dawn il-flus u kien għad fadlilha xi sitt elef euro. Tgħid li kienet iddepożitat **<u>ħamest elef euro</u>** minnhom fl-2011.

47. Mir-rendikonti bankarji eżebiti jirriżulta li CUTAJAR kienet tħaddem żewġ kontijiet li huma rilevanti għal dan il-każ. Hija kellha kont li kien iġib in-numri XXXXXXX3471 mal-Bank of Valletta. Dan kien il-kont li kienet tħaddem regolarment żgur sa minn Marzu 2010 u ċjoe qabel ma ltaqgħet mal-appellant BUTTIGIEG. Fih kienu jidħlu l-pagi tagħha li hija kienet taqla' mix-xogħol tagħha mal-KFC, ossija Kentucky Operations Limited u li jidher li kienet tħaddem regolarment għall-bżonnijiet tagħha ta' kuljum.

48. Imbagħad fit-18 t'April 2011 hija fetħet kont bin-numru XXXXXXX4889 mal-Bank of Valletta u f'dan il-kont ġew depożitati **<u>wieħed u għoxrin elf euro</u>** fi spazju ta' sena. Dawn jirriżultaw li kienu depożiti kważi mensili. Dan il-kont 4889 kien jintuża biss biex tirċievi depożiti mensili. Minnu għamlet tliet *withdrawals* bejn is-sittax u s-sbatax ta' Frar 2012 – wieħed *cash* fl-ammont ta' €1000 u żewġ *bills payable* ta' €3002.91 u €9002.91 fis-17 ta' Frar 2012. Mir-relazzjoni ta' Dr. Seychell Navarro jirriżulta li f'dik id-data kien sar il-kuntratt tax-xiri tal-fond fi Triq Ħaż-Żebbuġ f'Ħ'Attard bil-prezz ta' mija u tletin elf euro (€130,000) meta fl-istess jum jirriżulta li hi u l-appellant BUTTIGIEG kienu ħadu wkoll self mill-Bank of Valletta fl-ammont ta' mija u ħamest elef euro (€105,000).

49. Mill-banda l-oħra fil-kont bankarju l-ieħor tagħha bin-numru 3471, jirriżultaw transazzjonijiet normali fejn tidħol il-paga u xi drabi anke xi depożiti oħra li jkunu oltre mill-paga tagħha. Hekk per eżempju fit-**<u>12 ta' Mejju 2010</u>** iddepożitat €5275. B'hekk kien

meħtieġ spjegazzjoni għal dan id-depożitu qawwi ta' €5275 meta komparat mal-mezzi tagħha li jidhru mil-istatement tal-bank. Biss din hija somma flus li hija qrib l-ammont ta' sitt elef euro li hija xehdet li kien għad fadlilha mir-rikavat tal-bejgħ tan-negozju li semmiet. Stando max-xiehda tagħha a fol 362 hija kienet bdiet toħroġ mal-appellant għal Lulju 2010. Jiġifieri f'Mejju 2010 żgur li ma kienetx għadha taf lill-appellant u huwa verosimili li dan l-ammont jirrappreżenta dak li hija tgħid li hija kien għad fadlilha mill-flejjes li kellha minn negozju li kellha ma żewġha separat.

50. Bejn Awissu u Novembru 2010 hija rċeviet il-paga tagħha, li kienet tvarja minn €241.31, €430.75, €354.73 sa €432.21. Biss issa kienet saret taf lill-appellant u anke kienet bdiet ir-relazzjoni tagħha miegħu. Wara li bdiet din ir-relazzjoni, jirriżulta li ddepożitat is-somma ta' €600 fit-13 ta' Novembru 2010. Imbagħad minbarra l-pagi ta' Diċembru 2010 fl-ammont ta' €291.19 u dik ta' Jannar 2011 fl-ammont ta' €610.04, u dik ta' Frar fl-ammont ta' €387.40 u €129.08, fis-17 ta' Frar 2011 hija ddepożitat €700 oħra mingħajr indikazzjoni dwar mnejn dawn kienu ġejjin. Dawn id-depożiti ġew segwiti b'depożiti oħra ta' €700 u €500 fit-22 ta' Frar 2011. Din il-pattern kienet verament insolita meta tqis il-kwantita, r-regolarita u l-uniformita tad-depożiti tagħha qabel ma kienet iltaqgħet mal-appellant.

51. Dawn id-depożiti ġew segwiti bil-paga ta' Marzu 2011 fl-ammont ta' €436.23. Imbagħad sar depożitu ieħor ta' €400 fis-6 t'April 2011 segwit bil-paga ta' April fl-ammont ta' €502.46. Wara jirriżulta li

siefret f'Amsterdam. Minbarra l-pagi għax-xhur segwenti ma kienx hemm depożiti oħra barra l-pagi tagħha f'dan il-kont, sakemm, f'daqqa waħda, fit-12 t'April 2012 sar depożitu qawwi ta' €2500 u fl-istess jum għamlet trasferiment ta' €3000 għall-kont l-ieħor tagħha l-4889.

52. Irid jingħad ukoll li l-appellanta CUTAJAR ma tagħtx spjegazzjoni **<u>kredibbli</u>** ta' mnejn kienu ġejjin dawn il-flejjes li ma kienux jirrapreżentaw il-paga tagħha u li hija aċċettat li jidħlu fil-kont tagħha. Din il-Qorti ssibha diffiċli temmen li d-depożitu ta' ħamest elef euro magħmul minn fil-kont 4889 fit-18 t'April 2011 kien ukoll jirrapreżenta flejjes li kellha hi mill-bejgħ tan-negozju li kellha ma żewġha. Jekk kien hekk, hija naqset milli tagħti spjegazzjoni suffiċjenti dwar x'kienu l-€5,275 li hija depożitat fil-kont 3471 fit-12 ta' Mejju 2010. Pero l-appellant jgħid li hu kien għaddielha xi flus tal-mutur li qal li biegħ.

53. Biss aktar minn hekk din il-Qorti għamlet analiżi *side by side* tal-*bank statments* tal-appellanta fil-kont 4889 u tal-appellant fil-kont tiegħu bin-numru 4516. Minn din l-analiżi jirriżulta pattern interessanti ħafna dwar kif dawn iż-żewġt persuni kienu qegħdin iħadmu dawn il-flejjes bejniethom.

54. :

- Fis-16 t'April 2011 BUTTIGIEG trasferixxa €3000 mill-kont tiegħu 4017, (ċjoe dak li kien iħaddem regolarment għall-żmien twil għall-affarijiet kwotidjani tiegħu) għall-kont l-ieħor tiegħu numru 4516.

- Fit-18 t'April 2011 CUTAJAR fetħet il-kont 4889 u hija depożitat fih €5000.
- Fis-16 ta' Mejju 2011 BUTTIGIEG arrotonda l-bilanċ billi ddepożita €395.86 biex ġab il-bilanċ €16,000.
- Fid-18 ta' Mejju 2011 CUTAJAR iddepożitat €1000 fil-kont tagħha 4889.
- Fid-19 ta' Mejju 2011 BUTTIGIEG trasferixxa €1000 fil-kont 4516 mill-kont tiegħu 4017.
- Fit-23 ta' Mejju 2011 BUTTIGIEG trasferixxa €1000 fil-kont 4516 mill-kont tiegħu 4017.
- Fit-13 ta' Ġunju 2011 BUTTIGIEG trasferixxa €1000 fil-kont 4516 mill-kont 4017.
- Fit-18 ta' Ġunju 2011 BUTTIGIEG għamel trasferiment ieħor t'€1000 fil-kont 4516 mill-kont 4017.
- Fid-9 ta' Lulju 2011 CUTAJAR iddepożitat €1000 fil-kont tagħha 4889.
- Fis-16 ta' Lulju 2011 BUTTIGIEG trasferixxa €1000 mill-kont 4017 lejn il-kont 4516.
- Fis-26 ta' Lulju 2011 BUTTIGIEG trasferixxa €1000 mill-kont 4017 lejn il-kont 4516.
- Fit-12 t'Awissu 2011 BUTTIGIEG trasferixxa €800 mill-kont 4017 lejn il-kont 4516.
- Fit-13 t'Awissu 2011 CUTAJAR trasferiet €1000 mill-kont tagħha 3471 lejn il-kont 4889 (kif intqal aktar il-fuq dan il-kont bejn it-13 ta' Novembru 2010 u s-6 t'April 2011 hija kienet irċeviet ossija għamlet depożiti fih ta' €2900 li ma kienux parti

mill-paga tagħha u li ma ingħatax spjegazzjoni għalihom). Fit-13 t'Awissu 2011 għamlet trasferiment ieħor ta' €5.

- Fit-18 t'Awissu 2011, BUTTIGIEG ħareġ *bills payable* fl-amont ta' €1,302.91 kif ukoll *bills payable* ieħor ta' €13,002.91. Dan inzerta ħabat madwar sitt xhur qabel ma sar il-kuntratt tal-akkwist tal-proprjeta tagħhom f'Ħ'Attard. Il-Qorti temmen li dawn il-*bills payable* kienu jirrapreżentaw l-import tad-depożitu t'10% fuq il-konvenju u l-imposta relattiva.
- Fit-22 t'Awissu 2011 CUTAJAR iddepożitat l-ammont ta' €1000 fil-kont tagħha 4889;
- Fis-26 t'Awissu 2011 BUTTIGIEG trasferixxa €1000 mill-kont 4017 lejn il-kont 4516;
- Fis-26 t'Awissu 2011 BUTTIGIEG ħareġ ukoll l-ammont ta' €315 li marret għal "*Sanctioning of New Facility*";
- Fit-13 ta' Settembru 2011 BUTTIGIEG trasferixxa €1000 mill-kont 4017 lejn il-kont 4516;
- Fl-14 ta' Settembru 2011 CUTAJAR iddepożitat €1300 fil-kont tagħha 4889;
- Fl-10 t'Ottubru 2011 BUTTIGIEG iddeċieda li jerġa jarrotonda l-figura billi ddepożita l-ammont ta' €2320.82 biex ġab il-bilanċ tal-kont 4516 fl-ammont ta' €12,500.
- Fl-istess jum, ċjoe fl-10 t'Ottubru 2011 CUTAJAR iddepożitat ukoll €1000 fil-kont tagħha 4889.
- Fil-25 t'Ottubru 2011 BUTTIGIEG ġibed l-ammont ta' €689.91 mill-kont 4516 biex jitħallas l-MSV Life Assurance policy tiegħu u ta' CUTAJAR.

- Fit-28 t'Ottubru 2011 CUTAJAR għamlet trasferiment ta' €300 mill-kont tagħha 3471 lejn il-kont 4889.
- Fl-istess jum pero, fit-28 t'Ottubru 2011 CUTAJAR iddepożitat €1500 fil-kont tagħha 4889.
- Fis-7 ta' Novembru 2011 BUTTIGIEG trasferixxa l-ammont ta' €2000 mill-kont 4017 lejn il-kont tiegħu 4516.
- Fid-19 ta' Novembru 2011 CUTAJAR trasferiet l-ammont ta' €400 mill-kont 3471 lejn il-kont 4889.
- Fil-5 ta' Diċembru 2011 BUTTIGIEG trasferixxa l-ammont ta' €1000 mill-kont 4017 lejn il-kont tiegħu 4516.
- Fid-19 ta' Diċembru 2011 CUTAJAR iddepożitat l-ammont ta' €2500 fil-kont tagħha 4889.
- Fit-22 ta' Diċembru 2011 il-kontijiet ta' BUTTIGIEG u CUTAJAR ġew akkreditati u ddebitati l-interessi u t-taxxa rispettiva;
- Fil-11 ta' Frar 2012 BUTTIGIEG trasferixxa l-ammont ta' €1000 mill-kont 4017 lejn il-kont tiegħu 4516.
- Fl-istess jum CUTAJAR trasferiet l-ammont ta' €1000 mill-kont tagħha 3471 lejn il-kont 4889.
- Fis-sittax ta' Frar 2012 imbagħad CUTAJAR ġibdet €1000. L-għada kellu jsir il-kuntratt tax-xiri tal-flat f'Ħ'Attard. Fil-fatt
- Fis-sbatax ta' Frar 2012 BUTTIGIEG għamel *bill payable* fl-ammont ta' €1802.91 u €3447.91;
- Filwaqt li fl-istess jum, jiġifieri fis-sbatax ta' Frar 2012 CUTAJAR għamlet *bill payable* fl-ammont ta' €3002.91 u *bill payable* ieħor fl-ammont ta' €9002.91.

- Fit-8 ta' Marzu 2011 BUTTIGIEG ħallas il-*legal and professional fees* tal-Bank of Valletta fl-ammont ta' €428.41 u mill-istess kont 4516 bdew il-*loan repayments* fl-ammont ta' €473.17.
- Fl-14 t'April 2012 BUTTIGIEG iddepożita l-ammont ta' €2000.
- Fl-istess jum, ċjoe fl-14 t'April 2012 CUTAJAR iddepożitat l-ammont ta' €3000 fil-kont 4889.
- Fit-28 t'April 2012 BUTTIGIEG trasferixxa €1165 fil-kont tiegħu 4516 mill-kont 4017.
- Fit-2 ta' Mejju 2012 BUTTIGIEG għamel pagament ta' €473.17 għall-loan.
- Fit-22 ta' Mejju 2012 għamel trasferiment t'€2000 mill-kont 4017 lejn il-kont 4516.
- Fl-istess jum, ċjoe fit-22 ta' Mejju 2012 BUTTIGIEG għamel trasferiment mill-kont tiegħu 4516 lejn il-kont ta' MS JOANNE CUTAJAR fl-ammont ta' €3200.
- Fid-29 ta' Mejju 2012 għamel trasferiment mill-kont tiegħu 4516 lejn il-kont ta' MS JOANNE CUTAJAR fl-ammont ta' €5000.
- Bejn Ġunju u Settembru 2012 saru l-pagamenti mensili fl-ammont ta' €471.13 mill-kont 4516 ta' BUTTIGIEG. Iżda
- Fil-11 ta' Settembru 2012 BUTTIGIEG għamel trasferiment ta' €5000 mill-kont tiegħu 4017 lejn il-kont 4516.
- Fis-17 ta' Settembru 2012 għamel żewġ trasferimenti fl-ammont ta' €5000 kull wieħed, u għalhekk trasferimenti fit-total ta' €10,000 mill-kont tiegħu 4516 lejn il-kont ta' MS JOANNE CUTAJAR.

55. Meta wieħed iqis dawn it-transazzjonijiet imsemmija dettaljatament hawn fuq, din il-Qorti ssibha diffiċli temmen li l-appellanta CUTAJAR ma kienetx taf mnejn ġejjin dawn l-ammonti ta' flejjes li kienu qegħdin jiġu mogħtija lilha mis-sieħeb tagħha, li kien jaqla ċirka €1200 fix-xahar mix-xogħol li kien jagħmel – it-total ta' liema ammonti kien jaqbeż ferm l-ammont ta' flus li setgħa daħħa mill-bejgħ tal-mutur u mill-*part-time* li jgħid li kien jagħmel – u li fiż-żewġt ċirkostanzi naqas li jġib prova kredibbli li ssaħħaħ il-veraċita tagħhom. Din il-Qorti ssibha ferm diffiċli temmen kif ma staqsietx lilha nnifisha kif setgħa dan ir-raġel jeħleb tant flus mill-bejgħ tal-mutur u minn naqra *part-timer* li kien jagħmel bis-sufani. U ssibha diffiċli aktar temmen li ma kienetx taf kemm kien jaqbad flus f'paga meta hi u hu kienu riedu jikxfu l-introjtu tagħhom mal-Bank of Valletta għaliex altrimenti dan ma kienx ser jawtorizza li jagħtihom is-self. L-ammonti tal-flus involuti, ir-regolarita tagħhom, u l-pattern tad-depożiti u withdrawals juri ċertu grad ta' organizzazjoni, pjanar u preċiżjoni dwar kif, meta u fejn dawn kienu jsiru. Altru li l-appellant BUTTIGIEG ma kienx jaf ifaddal u altru li l-appellanti CUTAJAR ma kienetx taf x'inhu għaddej u mnejn dawn il-flejjes kienu ġejjin.

56. Fix-xiehda tagħha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati l-appellanta tixhed li saret taf x'kien qiegħed jagħmel l-appellant :

> Xhud : F'Settembru kien gurnata bhal ohrajn inseomma, mar ghax-xoghol, jien kont id-dar u kienu xi s-saghtejnta' wara nofsinhar dak l-ilma u narah gej. Is-soltu jigi xi l-hamsa, hamsa u nofs mix-xoghol. U qisni hekk sorpriza tarah iktar kmieni hemm mis-soltu uh. U qalli x'gara bl-ezatt ovvjament uu. Dakinhar sirt naf.

Dif: jigifieri din il-kwistjoni li kien qed ikun hemm ammonti li jittiehdu mill-cash register eccetra qabel dakinhar
Xhud : le jiena ma kontx naf bihom dawk l-affarijiet.

57. L-appellanta tgħid li hija saret taf x'kien qiegħed jagħmel l-appellant BUTTIGIEG biss dakinhar li keċċewh mix-xogħol u mar lura kmieni d-dar. Targumenta li allura ma kienetx staqsiet mnejn kien qiegħed iġib dawk il-flejjes u l-anqas qalilha mnejn. Is-sorsi ta' dawk il-flejjes kienu misturin għaliha.

58. Dan l-episodju ġie pruvat li seħħ fl-14 ta' Settembru 2012. Dan ifisser għalhekk li issa, fl-14 ta' Settembru 2012 hi kienet saret taf li dawk il-flejjes li kien qiegħed iġib BUTTIGIEG għal dawk l-aħħar xhur twal, ħlief għall-paga, ma kienux flus miġjuba b'mod onest, iżda għall-kuntrarju kienu l-frott ta' azzjoni kriminali. Minkejja dan, issa, jirriżulta mill-istatement tal-Bank of Valletta li fis-**<u>17 ta' Settembru 2012</u>** BUTTIGIEG kien għamel żewġ trasferimenti fl-ammont ta' €5000 kull wieħed, u għalhekk trasferimenti fit-total ta' €10,000 kienu saru mill-kont tiegħu 4516 lejn il-kont ta' MS JOANNE CUTAJAR. Issa, fis-17 ta' Settembru 2012 ma tistax tgħid li ma kienetx taf bil-provenjenza illegali ta' dawn il-flejjes aktar. Minkejja dan, fil-kont tagħha ġew trasferiti €10,000. Għal darb'oħra ma ingħatax spjegazzjoni dwarhom. Anke dawn issa CUTAJAR ma kienetx taf bihom?

59. Anzi fix-xiehda tagħha, mistoqsija mill-Uffiċjal Prosekutur is-segwenti :

Pros: Mela kont ghamiltlek domanda, fir-risposta tieghek nsomma fl-istess domanda f'din il-bicca fejn ma qbilniex fejn inti kont ghidtilna, kont ghidtli li inti kont waqaft tahdem, gieli kien jaghtini xi flus biex niddepozitahom u jien personalment ma kontx noqghod nistaqsih minn fejn gew il-flus kull darba ghax kont niehu pjecir bihom peress li kien ghad irrid nimlew il-post u kellna t-tarbija gejja fid-dinja
Xhud : Ovvjament jien kont bla paga, ovvjament li ha tghid hekk
Pros: Din tikkonfermaha?
Xhud: Iva mela.
Pros: Saqsejtek ukoll x'ghamiltu bihom il-flus li kien qed igib u int ghidtli hafna minnhom imlejna d-dar bihom tikkonferma?
Xhud: imlejna d-dar, loan u hekk kollox hux. Hafna affaijiet tad-dar xejn barra minn hawn
Pros: biex timla d-dar illum trid il-flus
Xhud:Mhux qed nghidlek li mlejtha sa ruh ommha ta bl-inkwatri b'kollox

60.Bid-dovut rispett din hija x-xiehda li ingħatat mill-imputata appellanti CUTAJAR quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, din id-darba assistita mill-avukat tagħha. Din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati kienet ben ġustifikata li ma temminx lil CUTAJAR li ma kienetx taf x'kien qiegħed jagħmel BUTTIGIEG. Kontra dak li tgħid CUTAJAR din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati kienet altru milli legalment u raġonevolment korretta meta sabet lill-imputata appellanta CUTAJAR kienet taf, jew li almenu kellha s-suspett, li dawn il-flejjes kienu ġejjin direttament jew indirettament minn attivita kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita kriminali, u li sabitha ħatja tar-reat ta' riċiklaġġ fuq il-provi li kellha – inkluż mingħajr użu tal-istqarrija li hija tagħat lill-Pulizija u mingħajr riferenza għax-xiehda ta' BUTTIGIEG.

61.Mill-qari ta' dawn id-dokumenti u mill-assjem tal-provi jirriżulta li kien hemm pjan bejn l-appellanti BUTTIGIEG u CUTAJAR li huma jagħmlu dawn iż-żewġt kontijiet bankarji – hu il-4516 u hi il-4889 u

li fihom jiddepożitaw u jittrasferixxu l-ammonti miġjuba minn BUTTIGIEG li *in gran parte* kienu l-proventi tal-attivita illegali li huwa kien qiegħed jagħmel biex minnhom jiffinanzjaw il-flat u l-ispejjeż li jmorru max-xiri u mili tal-istess flat. Minn qari ta' dawn il-kontijiet bankarji u mill-mod ta' kif saru t-transazzjonijiet jirriżulta li BUTTIGIEG u CUTAJAR użaw il-fondi imniġsa f'dawn iż-żewġt kontijiet bankarji sabiex mhux biss jinħbew il-proventi kriminali ottjenuti minn BUTTIGIEG talli imbagħad jiġi finanzjat in parti ix-xiri tal-flat u l-arredamenti, kif ukoll il-pagamenti tas-self li ttieħed mill-Bank of Valletta. Dawn l-attivitajiet ukoll, anke jekk intiżi għal skopijiet ta' ħtiġijiet tal-familja, xorta waħda jintegraw ir-reat ta' *money laundering* fis-sens tal-Liġi Maltija.

62. Minbarra dan, il-Qorti taqbel ukoll ma dak li kien ġie deċiż minn diversi Qrati Ewropej, inkluż dak tar-Renju tan-Netherlands numru BG3838 ta' Novembru 2008 fejn il-fatt li l-mara ta' wieħed raġel li kien iħalsilha l-affarijiet u li hi qatt ma staqsietu minn fejn kien qiegħed iġib il-flus tiegħu u hu qatt ma qalilha, mhix skuża biżżejjed għall-fini biex ma tiġix misjuba ħatja tar-reat ta' *money laundering*. F'ċirkostanzi fejn hija kienet taf li l-mezzi tar-raġel tagħha ma kienux raġonevolment jippermettu li huwa jagħmel dawk il-ħlasijiet ta' flus u xiri t'oġġetti lilha, kellu jkun biżżejjed biex hi tissuspetta li dak id-dħul ma kienx dħul li kien almenu kollu leġittimu. Bil-fatt li hija naqset milli tistaqsi l-oriġini u l-provenjenza tal-flejjes meta hija kellha raġuni raġonevoli għalfejn tistaqsi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, hija kienet daħlet lilha nnifisha fir-riskju li tkun persuna li tkun qegħda konxjament tgawdi

direttament mill-proventi ta' reati kriminali u konsegwentement tintegra r-reat ta' *money laundering*.

63. Għalhekk il-ħames aggravju qiegħed jiġi wkoll miċħud.

64. Illi s-sebgħa aggravju jitratta l-piena li ġiet inflitta filwaqt li t-tminn aggravju jittratta l-ordni tal-konfiska li ġiet magħmula.

65. Illi din il-Qorti tqis li l-piena erogata mill-Qorti tal-Maġistrati kemm fir-rigward tal-appellant BUTTIGIEG kif ukoll fir-rigward tal-appellanta CUTAJAR ma kienux żbaljati fil-prinċipju jew manifestament eċċessivi. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more

recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

66. Fil-frattemp pero din il-Qorti qieset li fil-mori ta' dan l-appell, in segwitu għall-ordni ta' ħlas magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha, l-appellanti daħlu f'kostituzzjoni ta' debitu permezz t'att pubbliku mal-parte civile u li rregolaw il-metodu tal-ħlas tal-ammont stabbilit bejniethom ta' sittin elf euro (€60,000) skont il-kundizzjonijiet imsemmija. Il-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni dan il-fattur fir-rigward tal-piena inflitta.

67. Illi kwantu għat-tminn aggravju relattiv għall-ordni tal-konfiska, il-Qorti tal-Maġistrati jirriżulta li użat il-lokuzzjoni segwenti : -

> Tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes involuti f'dan il-każ, kif ukoll tal-proprjeta mobbli u immobbli tal-imputatu kif stipulat fl-Artikolu 3(5) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

Issa kif qalu l-appellanti, l-artikolu 3(5) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk :-

> Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali l-qorti għandha, b'żieda ma' kull piena li għaliha tista' tiġi kkundannata persuna misjuba ħatja ta' reat ta' *money laundering* taħt dan l-Att u b'żieda ma' kull piena li korp magħqud jista' jeħel taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4), tordna t-teħid favur il-Gvern tar-rikavat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat sew jekk dak ir-rikavat ikun ġie riċevut mill-persuna misjuba ħatja jew mill-korp magħqud imsemmi fl-imsemmi subartikolu (4) u kull proprjetà li tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll

ta' xi persunamisjuba ħatja kif imsemmi qabel jew ta' korp magħqud kif imsemmi f'dan is-subartikolu għandha, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, titqies li tkun inkisbet mir-reat ta' money laundering u tkun suġġetta għal konfiska jew teħid mill-qorti wkoll jekk fil-każ ta' proprjetà immobbli dik il-proprjetà tkun, minn żmien meta l-ħati jkun ġie akkużat, għaddiet f'idejn terzi, kifukoll jekk ir-rikavat ta' proprjetà, kemm mobbli kemm immobbli, ikunu jinsabu f'xi post barra minn Malta:

Iżda, għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, "rikavat" tfisser xi vantaġġ ekonomiku u kull proprjetà li tiġijew titnissel, sew b'mod dirett sew mhux dirett, minn xi attività kriminali u tinkludi kull qliegħ jew benefiċċju ieħor miksub minn dik il-proprjetà.

Iżda l-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta ma jieqafx hemmhekk. L-artikolu 3(7) imbagħad ikompli jgħid hekk : -

(7) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 248E(4) u t-Titolu IV tat-Taqsima III tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali, u dawk tal-artikolu 22(3A)(b), (d) u (7) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għar-reat ta' *money laundering* taħt dan l-Att.

L-artikolu 22(3A)(b)(d)(7) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid : -

(b) meta l-ħati ma jkunx is-sid assolut iżda jkollu xi titolu reali ieħor fuq il-proprjetà immobbli, jew ikollu titolu, barra minn titolu reali, li bis-saħħa tiegħu jkollu l-kontroll ta' dik il-proprjetà jew dritt għal aċċess għaliha, il-qorti għandha tordna lill-ħati li jħallas multa ta' mhux inqas minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) iżda mhux iżjed minn disgħa u sittin elf,tmien mija u wieħed u tmenin euro u għoxrin ċenteżmu (69,881.20) kif il-qorti tistabbilixxi wara li tqis il-valur tal-proprjetà immobbli u l-valur tat-titolu reali fuqu, jekk ikun hemm, li jkun konfiskat kif intqal qabel;

(d) tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli oħra, u tal-proprjetà immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba ħatja wkoll jekk il-proprjetà immobbli minn meta l-ħati jkun ġie akkużat tkun għaddiet għand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta.

(7) Kull deċiżjoni kif imsemmija fis-subartikoli (3) u (3A) li tordna l-konfiska ta' proprjetà immobbli jew ta' xi titolu ta' dik il-proprjetà għandha titqies li hi u għandha tiġi esegwita bħal sentenza ċivili li titrasferixxi dak it-titolu favur il-Gvern, u l-Avukat Ġenerali għandu, għall-finijiet tal-

artikolu 239 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jitqies li hu l-parti nteressata li tista' tikseb ir-reġistrazzjoni ta' dak it-trasferiment.

68. Illi dan juri kemm din il-Liġi Maltija li tirregola l-*money laundering* hija drakonjana. Ifisser li mibarra l-argument tar-rikavat imressaq mid-Difiża, hemm ukoll l-obbligu fuq il-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali li f'każ ta' sejbien ta' ħtija tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli oħra, u tal-proprjetà immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba ħatja wkoll jekk il-proprjetà immobbli minn meta l-ħati jkun ġie akkużat tkun għaddiet għand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta. Dan ifisser li l-Qorti tal-Maġistrati użat lokuzzjoni li kienet tirrifletti dak li joħroġ mill-istess Liġi.

69. Għalkemm ir-relazzjoni tal-espert tekniku f'dan il-każ ġiet sfilzata, dan ma jfissirx li f'dan il-każ ma kienx hemmx rikavat jew li din il-Qorti ma tibqax marbuta bil-Liġi li tordna l-konfiska bil-mod kif imsemmi fil-Liġi. Fil-każ ta' sejbien ta' ħtija il-Qorti ma tistax ma tordnax il-konfiska fit-termini imsemmija fil-Liġi – irrispettivament mill-kwantum tar-rikavat. Kif intwera' aktar il-fuq din il-Liġi mhix marbuta biss mal-aspett tar-rikavat iżda tolqot ukoll il-proprjeta tal-persuna misjuba ħatja. Prova ta' din il-proprjeta tinsab mhux fir-relazzjoni tal-accountant Axiaq, iżda fir-relazzjoni ta' Dr. Seychell Navarro. Jibqa' impreġudikat pero d-dritt tal-ħatja konfiskandi li jipproċedu fis-sens tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

# *Deċide*

Għaldaqstant il-Qorti tilqa' l-appell ta' Brian BUTTIGIEG u Joanne CUTAJAR *in parte*, u filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata :

a. f'dik il-parti tagħha fejn, kwantu għal dak li jirrigwarda lil BUTTIGIEG, astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet in kwantu ġew kontestati lilu bħala imputazzjonijiet alternattivi għat-tieni imputazzjoni;
b. kif ukoll fejn sabet lil-BUTTIGIEG ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, kif ukoll f'dik il-parti fejn sabet lil CUTAJAR ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha;
c. u wkoll f'dik il-parti li ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes involuti f'dan il-każ kif ukoll tal-proprjeta mobbli u immobbli tal-imputati;

**<u>tħassarha :</u>**

d. f'dik il-parti fejn ikkundannat lil Brian BUTTIGIEG għall-piena ta' erba' snin priġunerija u multa ta' tletin elf euro (€30,000) u
e. fejn ikkundannat lil Joanne CUTAJAR għall-piena ta' sentejn priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ġew sospiżi għal erba' snin kif ukoll għal multa t'għoxrin elf euro (€20,000),

f. f'dik il-parti fejn ikkundannathom iħalsu €59,896 fi żmien tliet snin lil parte lesa u li fil-każ li tali ammont jew parti minnu ma jitħallasx dan għandu jiġi konvertit fi priġunerija ai termini tal-Liġi;

g. kif ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-BUTTIGIEG u lil CUTAJAR sabiex iħalsu lir-Reġistratur l-ispejjeż fl-ammont ta' €2725.80 bejniethom;

**u minflok :**

h. tikkundanna lil Brian BUTTIGIEG għall-piena ta' **tliet snin priġunerija u multa ta' għoxrin elf euro (€20,000)**;

i. tikkundanna lil Joanne CUTAJAR għall-piena ta' **tmintax il-xahar priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ġew sospiżi għal erba' snin kif ukoll għal multa ta' tnax il-elf euro (€12,000)** u dan wara li l-Qorti tat lill-imputat Joanne CUTAJAR l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

j. u safejn mhux mibdula kif imsemmi aktar il-fuq, tikkonferma s-sentenza fil-kumplament.

*Aaron M. Bugeja*
*Imħallef*